MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1931/1997/1

**A. G. Packaging Systems Limited**

**Vs**

**Fast Ready Meals Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Settembru 1997 li bih is-socjeta` atttrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm10713.53,1 bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' apparat u makkinarju industrijali u *servicing* relattiv, mibjugh u ikkonsenjat, u esegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu u

struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, kollox kif jirrizulta mir-rendikont anness ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. A);

Premess illi nonostante diversi talbiet ghal hlas, inkluza permezz ta' ittra legali u ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu 1997, is-socjeta` konvenuta, nonostante li ammettiet tali debitu minnha dovut lis-socjeta` attrici, anke permezz ta' *fax* datata 18 ta' Lulju 1997, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-istanti qed jannetti Affidavit ai termini ta' l-istess artikoli, u dan stante li s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x' taghti kontra it-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tghaddi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti ai termini ta' l-Artikolu 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, b' dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-istess artikoli appositi;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm10713.53,1 bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' apparat u makkinarju industrijali u *servicing* relattiv, mibjugh u kkonsenjat u esegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu u struzzjonijiet ta' l-istess socjeta` konvenuta, kollox kif jinsab indikat fl-i*statement* anness ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. A);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali u ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu 1997 kontra s-socjeta` konvenuta, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenji relattivi sa l-effettiv pagament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Settembru 1997 li permezz tieghu giet michuda l-ewwel talba attrici ghad-decizjoni tal-kawza bid-dispensa tas-smigh;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-16 ta’ Marzu 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat kif jidher mill-istess *statement* anness mac-citazzjoni u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tbati spejjez;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Gunju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Kif manifest mill-korp tad-Dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni s-socjeta` attrici qed tippretendi minghand is-socjeta` konvenuta l-hlas bilancjali ghal diversi servizzi u xoghlijiet ezegwiti minnha fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tobbjetta ghal din id-domanda ghal pagament bl-unika eccezzjoni taghha illi l-ammont mitlub huwa esagerat. Issa huwa minnu li permezz ta’ rikors fil-mori tal-kawza (fol. 58) li ghalih saret risposta (fol. 60) is-socjeta` konvenuta talbet li tigi awtorizzata li tintavola eccezzjoni ulterjuri fis-sens li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha izda mbaghad, ghal xi raguni, ma komplietx tipprosegwixxi jew tinsisti dwar din it-talba taghha;

Posta l-kwestjoni li dwarha l-kontendenti qeghdin jikkontendu dwarha f’ din l-istanza, mill-attijiet tal-kawza jidher li l-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitulati maggorment mid-dikjarazzjonijiet ta’ Simon Zammit (fol. 19 u fol. 66) ghas-socjeta` attrici u ta’ Adrian Deguara (fol. 45) ghas-socjeta` konvenuta;

Bhala punt ta’ tluq fis-sostenn tad-domanda tieghu l-imsemmi Simon Zammit jghid li bejn Ottubru 1996 u April 1997 s-socjeta` tieghu giet kommissjonata taghmel diversi servizzi u xoghlijiet ta’ *upgrading* u mmodernizzar f’ makkinarju u attrezzi tas-socjeta` konvenuta. Ghall-ahjar esposizzjoni ta’ dawn ix-xoghlijiet dawn qed jigu hawn taht elenkati:

I. Riparazzjoni f’ *Roll Stock packaging machine* biex din tingieb fi stat li tibda tithaddem;

II. Kostruzzjoni ta’ *Shrink Bath* ta’ l-i*stainless steel* komplut bil-purtieri tal-PVC u xoghol ta’ modifikazzjoni fi *shrink bath* antik fejn zdiedulu *eletrical heaters* u *temperature control units*;

III. *Upgrading* ta’ *Smoking oven* billi inbidlulu l-ktajjen, vireg u gancijiet, *wiring* u l-mutur. F’ dan l-istess

kuntest gew installati *control panel* b' sistema ta' *alarm* ghar-regolamentazzjoni tat-temperatura, u *extractor fan* u dawl fuq il-parti esterna ta' l-istess *oven*;

IV. Manifatturazzjoni ta' kwantita` konsiderevoli ta' gancijiet ta' l-i*stainless steel* servjenti ghar-*racks* li maghhom jiddendel il-laham li jkun irid jigi *smoked*;

V. Tiswijiet fuq *vacuum machine* u *slicer* awtomatika;

VI. Kostruzzjoni ta' diversi *stands* ta' l-i*stainless steel*;

VII. Modifikazzjoni ta' tliet targiet u installazzjoni ta' *stainless steel tray* fl-entratura tal-*working area* ghall-iskop ta' l-isterilizzar tal-*footwear* ta' l-impjegati;

VIII. Awtomatizzazzjoni ta' *smoking drum*;

IX. Manifattura u installazzjoni ta' *stainless steel floor drain* fil-*freezer room*;

X. Manutenzjoni u tiswija fuq *stapler* taz-zalzett u manifattura ta' skorfina kbira ghall-magna taz-zalzett;

Jigi notat illi kemm mix-xhieda tar-rapprezentant indikat tas-socjeta` attrici kif ukoll mill-*Invoices* esebiti (fol. 24 sa fol. 38) l-ammont pretiz jinkludi kemm il-lavorazzjoni kif ukoll il-materjal mixtri u mpjegat fis-servizzi moghtija u l-produzzjoni. Inoltre, kif precizat mill-istess Simon Zammit fl-Affidavit tieghu, kien hemm diversi *items* ohra li nbieghu u gew konsenjati lis-socjeta` konvenuta (fol. 22). L-istess xhud isostni wkoll illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont reklamat izda semplicement talbet li tinghata zmien ghal hlas in vista tal-qaghda finanzjarja taghha;

Minn naha tieghu Adrian Deguara ghas-socjeta` konvenuta jiddefendi l-posizzjoni tas-socjeta` tieghu tal-mankanza tal-hlas fuq l-assunt li l-ammont mitlub kien ezagerat, tenut kont ukoll tal-fatt li certi xoghlijiet minnu specifikati kienu insodisfacenti jew addirittura x' uhud minnhom ma sarux. Huwa jikkontendi wkoll illi s-socjeta` attrici qatt ma forniet ir-ricevuti relattivi dwar il-materjal li din allegat li xtrat u lanqas ipproduciet il-*job cards* biex jigu

kontrollati l-hinijiet li allegatament gew impjegati fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet;

Ghall-kummenti li saru minn dan ix-xhud dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghlijiet u l-manodopera mpjegata, is-socjeta` attrici, dejjem tramite Simon Zammit, tirreplika b' dan il-mod fil-kors tal-kontro-ezami:-

i. Rigward l-i*smoke oven* ma kienx hemm certezza li dan kien tlesta ghaliex il-problemi komplew jinqalghu. Gie accettat ukoll illi sar uzu minn xi *parts* ‘*sekonda man’*;

ii. Dwar ix-*shrink bath* jinghad li ma sarx wiehed gdid izda biss modifikazzjoni fuq dawk li kellha s-socjeta` konvenuta, ghalkemm zied jinghad ukoll li “jista’ jkun” li sar wiehed gdid. Gie mistqarr ukoll illi riferibilment ghal dak antik ma kienx irnexxielhom jaghmluh efficcjenti bizzejjed;

iii. Rigward l-i*slicer* ghalkemm saru tibdiliet fih pero` hu accettat ukoll li din ma ssewwietx totalment ghax is-socjeta` konvenuta ma gabetx l-*ispare parts* minn barra;

iv. Huwa ammess ukoll illi l-i*stainless steel floor drain* ma giex installat mis-socjeta` attrici;

v. Dwar l-i*stapler* taz-zalzett ix-xhud ma kienx jiftakar jekk din fil-fatt gietx riparata;

vi. Mistoqsi dwar ir-*racks* u r-*roll stock packaging machine* r-rapprezentant tas-socjeta` attrici jirribadixxi li dawn saru u/jew giet riparata, anke jekk jigi rilevat ukoll illi fil-kaz tar-*racks* x-xhud *ex admissis* jistqarr li “jista’ jkun li kien hemm xi partijiet li riedu jsiru u ma sarux”. (fol. 72);

Importanti li jigi notat ukoll illi nonostante l-weghda li saret kemm fil-korp ta’ l-Affidavit ta’ Simon Zammit (fol. 22) kif ukoll in kontro-ezami ta’ dan ix-xhud (fol. 72) is-socjeta` attrici naqset milli tipprezenta d-dokumenti konfermanti l-materjal li allegatament inxtara (ara para. 16 ta’ l-

Affidavit). Hekk ukoll naqset li tipprezenta d-dokument li kien suppost jattesta l-*promise of payment*. Dan nonostante diversi verbali li kienet hekk behsiebha taghmel (fol. 75, 76, 77, 78, 80, 83 u 84). Jigi osservat ukoll illi ghalkemm hu accettat li s-socjeta` konvenuta kienet talbet dokumentazzjoni dwar il-*job costing* ghall-iskop ta' verifika din ma gietx hekk provvduta mis-socjeta` attrici ghaliex fl-ispjega moghtija minn Simon Zammit, "jien m' inix dovut li nfornihom, u dan ghaliex huma kienu jafu l-*hourly rate* taghna x' kienet u s-sighat kienu miktubin fuq id-*delivery note*" (fol. 68). L-istess haga jghid dan ix-xhud fir-rigward tal-*job cards*. Dan fis-sens li hu ma kienx obbligat ifornihom anke ghaliex kemm gew impjegati sieghat dan kien ndikat fid-*delivery notes* iffirmati minn rapprezentant tas-socjeta` konvenuta;

Stabbiliti dawn il-fatti, huwa pacifiku illi f' sitwazzjoni bhal dik hawn ezaminata jikkonkorru dawn il-principji;

1. Minn jippresta s-servizzi tieghu ghandu jigi retribwit;

2. In mankanza ta' patt specifiku preventivament akkordat, il-kumpens retribwibbli hu determinat jew "mill-qorti bi stima ta' perit, jew ukoll minghajr dik l-istima, skond ic-cirkostanzi" (Artikolu 1634 tal-Kodici Civili);

3. F' kaz li ma jkunx gie inkarigat espert stimatur il-gudikant li jrid jagixxi ta' arbitratur ghandu jaddotta kriterji ekwitattivi appuntu bazati "skond ic-cirkostanzi" kif hekk incidentalment insibu ukoll fl-Artikolu 1881 (1) applikabbli ghall-istitut tal-Mandat;

4. Dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jirrigwardaw il-proporzjonalita` tal-korrispettiv man-natura, iz-zmien, il-kwantita` u l-kwalita` tal-prestazjonijiet ezegwiti, ir-rizultat utli ghal min ordnahom u kull element iehor determinanti. Fi kliem iehor, il-gudikant mhux vinkolat minn direttivi precizi jew parametri fissi;

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet wiehed ma jridx jinsa mbaghad illi meta wiehed jikkuntratta li jaghmel xoghol ghal haddiehor billi barra l-prestazzjoni tax-xoghol tieghu, ifornixxi anke l-materjal, kif hekk jidher li hu il-kaz hawnhekk, apparti wkoll l-osservazzjoni l-ohra li sar anke bejgh dirett ta’ materjal fil-kaz prezenti (ara Affidavit ta’ Simon Zammit), tali kontrattazzjoni jinghad li tixbah ferm il-kuntratt ta’ bejgh. Li jfisser allura illi fejn il-prezz ma jkunx determinat minn qabel il-prattika kummercjali segwita hi dik li l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-prezz gust kurrenti (Artikolu 1356, Kodici Civili; **Kollez. Vol. XXVI P III p 547; Kollez. Vol. XXVII P I p 102**);

Anke hawn pero` gie mwissi illi “l-prezz gust kurrenti ma huwiex necessarjament dak il-prezz fiss li soltu jinzamm ghal xoghol simili dak li jaghmel ix-xoghol. Il-prezz korrenti ma hux il-prezz fiss ta’ l-attur, imma hu dak indikat mil-ligi fl-Artikolu 1406 tal-Kapitolu 23 (illum Artikolu 1356 tal-Kapitolu 12), li jista’ jekwivali ghal dak ta’ l-attur u jista’ ma jekwivalix”. (**Kollez. Vol. XXXIV P III p 837**);

Applikati dawn l-insenjamenti u osservazzjonijiet kollha ghal kaz in ispecje hi l-ferma opinjoni ta’ din il-Qorti, fuq ir-rizultanzi processwali, illi jezistu cirkostanzi li ghandhom, b’ gustizzja u minn konsiderazzjoni ta’ l-*arbitrio boni viri*, jimmitigaw it-talba ghal hlas reklamata mis-socjeta` attrici. Dan fuq l-istregwa ta’ dawn ir-rilevanzi:-

(1) L-ammont domandat ma giex ghal kollox sorrett minn prova dokumentali kjara u preciza. In effetti, kif gja fuq espress, is-socjeta` attrici naqset milli ggib il-provi dokumentali kollha attendibblili li hi kienet fid-dmir li ggib biex tiskarika l-piz inkombenti fuqha tal-prova shiha u konklussiva tal-hlasijiet pretizi sopportati minn dokumenti. Ma jistax lanqas jigi accettat l-assunt illi ghax iz-zmien impjegat fis-singoli prestazzjonijiet jinsab annotat fl-*invoices* jew fuq id-*delivery notes ergo* dan ghandu jibbasta biex jaghmel prova certa ta’ l-ammont dovut u allura tal-kostringiment tas-socjeta` konvenuta biex din, minghajr verifika jew kontestazzjoni, taqbad u thallas;

(2) Jidher li hu accettat ukoll mis-socjeta` attrici illi s-servizzi prestati u xoghlijiet ezegwiti mhux dejjem lahqu dak il-livell tal-kwalita` mixtieqa u tar-rizultament utili ghas-socjeta` konvenuta. Anke jekk mhux teknikament accertat jekk in-nuqqasjiet jew vizzji denunzjati fil-lavorazzjoni kienux sostanzjali o meno, xorta jibqa' l-fatt, kif pacifikament akkolt, illi anke minghajr dan l-accertament ta' l-essenzjalita` tan-nuqqas jew tal-vizzju, min jippresta l-opra jew is-servizz jibqa' suggett li jbati certa riduzzjoni fil-kumpens pretiz minnu (**Kollez. Vol. XXX P III p 433**). Anzi kien hemm fejn kien sostnut ukoll illi "*niun compenso spetta al locatore d' opera quando questo, per incapacita` di lui, riesce dannoso anzi che utile al conduttore.*" (**Kollez Vol. XVI P I p 37**);

Minn dan isegwi illi meta valjati c-cirkostanzi kollha flimkien f' dan il-kaz din il-Qorti ghandha ghall-fattispeci tippropendi ghall-ekwita` u tapplika r-regola tal-*bonum vir*. Regola din importanti rimessa ghar-raguni u l-koxxjenza tal-gudikant biex iqarreb il-pretensjoni mal-haqq;

Konsiderati l-fatturi kollha din il-Qorti thoss li mis-somma hekk pretiza mis-socjeta` attrici li ghadha dovuta jitnaqqas l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500). Li jfisser li fir-realta` s-socjeta` konvenuta ghandha tkun obbligata thallas is-somma bilancjali ta' disat elef mitejn u tlettax-il lira Maltija, tlieta u hamsin centezmu (Lm9213.53,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici b' dan illi s-socjeta` konvenuta qed tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef mitejn u tlettax-il lira Maltija tlieta u hamsin centezmu (Lm9213.53,0) ghal bejgh ta' materjal, prestazzjonijiet u xoghlijiet ezegwiti kif minnha kommissjonat lill-istess socjeta` attrici. Fuq din is-somma jiddekorru l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-att tac-citazzjoni (11 ta' Settembru 1997);

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew kwantu ghall-kwinta parti (1/5) mis-socjeta` attrici u r-rimanenti erba' kwinti (4/5) mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------